Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 4 ta' Marzu 2021**
**(OR. en)**

**6749/21**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0051(CNS)**

**POSEIDOM 1**
**REGIO 34**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 3 ta' Marzu 2021 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2021) 95 final |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iskema tad-dazju tal-baħar fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi u li temenda d-Deċiżjoni Nru 940/2014/UE |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 95 final.

---

Mehmuż: COM(2021) 95 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.3.2021
COM(2021) 95 final

2021/0051 (CNS)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-iskema tad-dazju tal-baħar fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi u li temenda d-Deċiżjoni Nru 940/2014/UE**

{SWD(2021) 44 final}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • Ir-raġunijiet għall-proposta u l-objettivi tagħha

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) japplika għar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni. Madankollu, ir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi huma esklużi mill-ambitu territorjali tad-Direttivi tal-VAT u tad-dazji tas-sisa.

Id-dispożizzjonijiet tat-TFUE, b'mod partikolari l-Artikolu 110, fil-prinċipju ma jawtorizzaw l-ebda differenza fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi bejn it-tassazzjoni ta' prodotti lokali u t-tassazzjoni ta' prodotti ġejjin minn Franza kontinentali, l-Istati Membri l-oħrajn jew il-pajjiżi terzi. Madankollu, l-Artikolu 349 tat-TFUE jipprevedi l-possibbiltà li jiddaħħlu miżuri speċifiċi favur ir-reġjuni ultraperiferiċi minħabba li jeżistu żvantaġġi permanenti li jaffettwaw il-qagħda ekonomika u soċjali f'dawn ir-reġjuni. Miżuri bħal dawn jikkonċernaw diversi politiki, inkluża l-politika tat-tassazzjoni.

It-taxxa tad-dazju tal-baħar hija taxxa indiretta fis-seħħ biss fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi ta' Martinique, ta' Guadeloupe, tal-Guyana Franċiża, ta' Réunion u ta' Mayotte. Din it-taxxa tapplika għall-importazzjonijiet ta' prodotti, tkun xi tkun l-oriġini tagħhom, u għall-provvisti ta' merkanzija magħmula bi ħlas minn persuni li jwettqu attivitajiet ta' produzzjoni. Fil-prinċipju, din tapplika bl-istess mod fuq il-prodotti manifatturati lokalment u fuq dawk importati.

Madankollu, d-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 940/2014/UE tas-17 ta' Diċembru 2014[1] tawtorizza lil Franza biex sal-31 ta' Diċembru 2020, tapplika l-eżenzjonijiet jew it-tnaqqis ta' dazju tal-baħar fir-rigward ta' ċerti prodotti li għalihom teżisti produzzjoni lokali, minħabba li l-importazzjoni sinifikanti ta' prodotti tkun tista' tipperikola l-kontinwazzjoni tal-produzzjoni lokali u l-kostijiet addizzjonali jżidu l-prezz tal-kost tal-produzzjoni lokali meta mqabbla ma' prodotti manifatturat xi mkien ieħor. L-Anness għad-Deċiżjoni msemmija hawn fuq jipprovdi l-lista tal-prodotti li għalihom jistgħu japplikaw l-eżenzjonijiet jew it-tnaqqis tat-taxxa. Skont xi jkunu l-prodotti, id-differenza fit-tassazzjoni ta' prodotti manifatturati lokalment u ta' prodotti oħra ma tistax taqbeż l-10, l-20 jew it-30 punt perċentwali.

L-għan ta' dawn id-differenzjali tat-tassazzjoni huwa li jikkumpensaw għall-iżvantaġġi kompetittivi li jġarrbu r-reġjuni ultraperiferiċi u li jissarrfu f'żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni, u għalhekk fil-prezz tal-kost tal-prodotti manifatturati lokalment. Fin-nuqqas ta' miżuri speċifiċi, il-prodotti lokali jkunu inqas kompetittivi minn dawk manifatturati xi mkien ieħor, anki jekk jitqiesu l-kostijiet tat-trasport. Għalhekk ikun aktar diffiċli li tinżamm il-produzzjoni lokali, li taffaċċja kostijiet ta' produzzjoni ogħla akkont tal-iżvantaġġi permanenti li jaffettwaw lil dawn ir-reġjuni.

Fl-1 ta' Marzu 2019, l-awtoritajiet Franċiżi saqsew lill-Kummissjoni biex testendi l-iskema tad-dazju tal-baħar lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2020.

Minħabba li d-Deċiżjoni tal-Kunsill kienet se tiskadi dalwaqt, il-Kummissjoni kienet nediet studju estern biex tivvaluta s-sistema attwali kif ukoll l-impatt potenzjali tal-għażliet differenti previsti għall-perjodu wara l-2020. Abbażi ta' dak l-istudju, il-Kummissjoni tqis li huwa ġġustifikat li tingħata l-estensjoni mitluba, filwaqt li jsiru xi emendi fl-arranġamenti eżistenti.

Sabiex l-awtoritajiet Franċiżi jingħataw l-opportunità jiġbru l-informazzjoni kollha meħtieġa, ix-xogħol kollu li ġie pospost akkont tal-kriżi tas-saħħa pubblika tal-COVID-19, u biex il-

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 940/2014/UE tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar id-dazju tal-baħar fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi (ĠU L 367, 23.12.2014, p. 1).

Kummissjoni tingħata l-ħin tippreżenta proposta bilanċjata b'kont meħud tal-interessi varji inkwistjoni, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1793 tas-16 ta' Novembru 2020[2] testendi l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 940/2014/UE b'sitt xhur, sat-30 ta' Ġunju 2021 minflok sal-31 ta' Diċembru 2020.

Għaldaqstant din il-proposta tistabbilixxi l-qafas legali għad-dazju tal-baħar applikabbli wara t-30 ta' Ġunju 2021, billi tistabbilixxi arranġamenti ta' deroga ġodda għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2027, inkluża reviżjoni tad-dispożizzjonijiet preżenti biex l-iskema ssir aktar flessibbli u trasparenti. B'mod parallel, hija testendi d-Deċiżjoni Nru 940/2014/UE għal sitt xhur, sal-31 ta' Diċembru 2021, biex Franza tingħata ż-żmien tittrasponi l-arranġamenti l-ġodda applikabbli bejn l-1 ta' Jannar 2022 u l-31 ta' Diċembru 2027 fil-liġi tagħha stess.

Il-bidliet proposti għall-arranġamenti eżistenti huma kif imiss:

(a) Huma speċifikati l-kriterji għall-għażla tal-prodotti eliġibbli għal differenzjal fit-taxxa.

Il-prodotti fuq il-lista intgħażlu fuq il-bażi li jeżistu kostijiet addizzjonali tal-produzzjoni li jżidu l-prezz tal-kost tal-produzzjoni lokali meta mqabbel ma' prodotti manifatturati xi mkien ieħor u li jrendu l-prodotti manifatturati lokalment anqas kompetittivi.

Fejn:

(1) il-produzzjoni lokali jkollha sehem mis-suq ta' anqas minn 5 %,

(2) jew fejn is-sehem mis-suq tagħha jkun aktar minn 90 %,

intalbet ġustifikazzjoni addizzjonali bħala prova taċ-ċirkostanzi kollha li jmiss jew ta' xi wħud minnhom:

- produzzjoni li tirrikjedi ħafna ħaddiema;
- produzzjoni ġdida jew supplimentari mfassla biex tiddiversifika l-għażla ta' prodotti ta' kumpanija;
- produzzjoni li hija strateġika għall-iżvilupp lokali (eż. f'oqsma li jirrelataw ma' setturi tal-ekonomija ċirkolari bħall-ipproċessar tal-injam, jew il-ġestjoni tal-bijodiversità jew il-protezzjoni ambjentali);
- produzzjoni innovattiva jew ta' valur għoli miżjud;
- produzzjoni li għaliha l-interruzzjoni tal-provvista minn xi mkien ieħor tista' tipperikola l-ekonomija jew il-popolazzjoni lokali, bħall-materjali tal-bini jew l-ikel;
- produzzjoni li tista' biss teżisti jekk tkun dominanti fuq is-suq b'riżultat tad-daqs għir tas-swieq fir-reġjuni ultraperiferiċi;
- produzzjoni ta' prodotti mediċi u tagħmir personali protettiv meħtieġ biex jiġu indirizzati l-kriżijiet tas-saħħa.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1793 tas-16 ta' Novembru 2020 li temenda l-perijodu ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 940/2014 dwar id-dazju tal-baħar fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi (ĠU L 402, 1.12.2020, p. 21–22).

(b) Qed jiddaħħlu żewġ limiti massimi differenti ta' 20 % u 30 % minflok it-tlieta preżenti. Id-differenzjal tat-taxxa awtorizzat jenħtieġ li ma jeċċedix il-kostijiet addizzjonali ġġustifikati.

(c) Il-limitu massimu għall-obbligazzjoni għal dazju tal-baħar jogħla għal EUR 550 000. Skont l-arranġamenti proposti, l-operaturi li l-bejgħ totali annwali tagħhom huwa taħt dan il-limitu ma jkunux soġġetti għad-dazju tal-baħar. Madankollu, huma ma jistgħux inaqqsu l-ammont ta' din it-taxxa mġarrba upstream. L-iskop huwa biex tiġi eżentata l-produzzjoni minn impriżi żgħar, biex jitnaqqas il-piż amministrattiv tagħhom u jiġi appoġġjat it-tkabbir tagħhom. Din il-miżura hija ġustifikata mill-impatt baġitarju u tal-kompetizzjoni limitat[3] b'ħarsa lejn l-għadd żgħir ta' operaturi ekonomiċi involuti[4].

(d) Ir-rrapport ta' nofs it-terminu għandu jiġi sostitwit minn rapport sat-30 ta' Settembru 2025, li għandu jkollu mill-anqas informazzjoni stabbilita fl-Anness II tad-Deċiżjoni. Din l-informazzjoni se sservi ta' bażi għall-ħidma dwar it-tiġdid tal-iskema. Din il-proposta hija mfassla biex tnaqqas il-piż ta' evalwazzjoni tal-iskema, li tokkorri bi frekwenza mingħajr bżonn, u biex l-attivitajiet ta' monitoraġġ u evalwazzjoni jsiru aktar utli u effettivi.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-valutazzjoni tal-kostijiet addizzjonali ta' produzzjoni li d-differenzjal tat-taxxa huwa intiż li jikkumpensa, għal kull intestatura b'erba ċifri tan-nomenklatura tariffarja, l-awtoritajiet Franċiżi pprovdew valutazzjoni tal-kostijiet addizzjonali tal-produzzjoni mġarrba mill-impriżi lokali, li primarjament huma: kostijiet ta' provvista, pagi, kostijiet ogħla ta' enerġija, kostijiet finanzjarji li jirriżultaw minn sehem akbar ta' stokks, kostijiet ogħla ta' manutenzjoni, nuqqas ta' użu potenzjali tat-tagħmir ta' produzzjoni u kostijiet finanzjarji ogħla.

L-Anness tad-Deċiżjoni fih il-lista tal-prodotti li għalihom jistgħu japplikaw l-eżenzjonijiet mit-taxxa jew it-tnaqqis tat-taxxa. Skont xi jkunu l-prodotti, id-differenza fit-tassazzjoni ta' prodotti manifatturati lokalment u ta' prodotti oħra ma tistax taqbeż l-20 jew it-30 punt perċentwali. Il-parti (a) tal-Anness telenka l-prodotti li għalihom id-differenza fit-tassazzjoni ma tistax taqbeż l-20 punt perċentwali u parti (b) dawk li għalihom id-differenza ma tistax taqbeż it-30 punti perċentwali.

Il-prodotti elenkati fl-Anness huma fil-biċċa l-kbira l-istess prodotti li jidhru fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 940/2014/UE. Madankollu, tiġdid totali tal-listi rriżulta fit-tneħħija ta' diversi prodotti li għalihom id-differenzjal tat-taxxa ma baqax ġustifikat. Għall-kuntrarju, żdiedu xi prodotti mhux inklużi fid-Deċiżjoni Nru 940/2014/UE li għalihom il-produzzjoni bdiet jew żviluppat. Fl-aħħar nett, xi prodotti inżammu fuq il-listi iżda d-differenzjal tat-taxxa awtorizzat ġie mmodifikat 'il fuq jew 'l isfel biex jitqiesu l-bidliet fil-kostijiet addizzjonali.

---

[3] Id-dħul mit-tassazzjoni ta' impriżi b'fatturat ta' madwar EUR 300 000 u EUR 550 000, fl-2019 kien ikkalkulat biss għal EUR 1,22 miljun, li jfisser qrib iż-0,1 % tal-fatturat totali mid-dazju tal-baħar (EUR 1,2 biljun).

[4] L-għadd ta' impriżi kkonċernati huwa ta' 222 waħda.

- **Konsistenza ma' dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-Komunikazzjoni tal-2017 dwar sħubija strateġika aktar b'saħħitha u mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea[5], tenfasizza li r-reġjuni ultraperiferiċi għadhom iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet serji, li ħafna minnhom huma permanenti. Din il-Komunikazzjoni tippreżenta l-approċċ il-ġdid tal-Kummissjoni dwar kif l-iżvilupp tar-reġjuni ultraperiferiċi jingħata spinta billi jsir l-aħjar użu mill-assi tagħhom u billi jiġu sfruttati l-opportunitajiet possibbli pprovduti minn vetturi ġodda ta' tkabbir u ta' ħolqien tal-impjiegi.

F'dan il-kuntest, l-objettiv ta' din il-proposta hu li jiġu promossi produzzjonijiet lokali u b'hekk jiżdiedu l-impjiegi fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi. Din il-proposta tirrestawra l-kompetittività tal-produzzjoni lokali billi tikkumpensa għall-iżvantaġġi li jirriżultaw mis-sitwazzjoni ġeografika u ekonomika. Din tikkomplementa l-Programm ta' Soluzzjonijiet Speċifiċi Relatati mal-Periferiċità u l-Insularità (POSEI)[6], li għandu l-għan li jappoġġa s-settur primarju u l-produzzjoni tal-materja prima, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS)[7] u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)[8] li jinkludu allokazzjoni speċjali ulterjuri biex tikkumpensa għall-kostijiet ulterjuri tar-reġjuni ultraperiferiċi relatati mal-iżvantaġġi permanenti tagħhom.

Barra minn hekk, il-konsistenza meħtieġa b'regoli tal-politika agrikola tfisser li ma tiġix ikkunsidrata l-applikazzjoni ta' differenzjal tat-taxxa għall-prodotti kollha tal-ikel li jibbenefikaw minn għajnuna skont il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li tistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni, u b'mod partikolari l-arranġamenti speċifiċi tal-provvista.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija konsistenti mal-Istrateġija għas-Suq Uniku tal-2015[9], li permezz tagħha l-Kummissjoni beħsiebha tistabbilixxi suq uniku approfondit u aktar ġust li jkun ta' benefiċċju għall-partijiet ikkonċernati kollha. Wieħed mill-objettivi tal-miżura proposta huwa li jittaffew il-kostijiet addizzjonali li jħabbtu wiċċhom magħhom il-kumpaniji fir-reġjuni ultraperiferiċi, li jxekklu s-sehem bis-sħiħ tagħhom fis-suq uniku. Minħabba l-volum limitat tal-produzzjoni kkonċernata fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi, ma huwa previst l-ebda impatt negattiv fuq il-funzjonament tajjeb tas-suq uniku.

---

5 COM(2017) 623 final.

6 Ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013.

7 Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd.

8 Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd.

9 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Aġġornament tas-Suq Uniku: opportunitajiet aktar għaċ-ċittadini u għan-negozji (COM(2015) 550 final), p. 4.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta hija l-Artikolu 349 tat-TFUE. Hija tippermetti lill-Kunsill jadotta dispożizzjonijiet speċifiċi mmirati li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni tat-Trattati għar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-Kunsill biss għandu s-setgħa li jadotta, abbażi tal-Artikolu 349 tat-TFUE, miżuri speċifiċi għall-adattament tal-applikazzjoni tat-Trattati inkluż il-politiki komuni, għar-reġjuni ultraperiferiċi, minħabba li jeżistu żvantaġġi permanenti li jaffettwaw il-qagħda ekonomika u soċjali f'dawn ir-reġjuni. Dan jgħodd ukoll għall-awtorizzazzjoni ta' derogi tal-Artikolu 110 tat-TFUE. Għaldaqstant, il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit fl-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Din tikkonċerna biss il-prodotti li għalihom saru ġustifikazzjonijiet fir-rigward ta' kostijiet addizzjonali li jaffettwaw il-prodotti manifatturati lokalment.

Bl-istess mod, id-differenzjal massimu propost għal kull prodott milqut minn din il-proposta huwa limitat għal dak li huwa meħtieġ fid-dawl tal-kostijiet addizzjonali li jaffettwaw il-produzzjoni lokali konċernata f'kull każ. B'dan il-mod, il-piż tat-taxxa fuq il-prodotti impurtati fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi ma jaqbżux dak li huwa meħtieġ biex jikkumpensa l-kompetittività aktar baxxa ta' prodotti manifatturati lokalment meta mqabbla ma' prodotti importati, u għalhekk jinkisbu l-objettivi tat-Trattat imfassal biex jiżgura l-funzjonament xieraq u effiċjenti tas-suq intern.

- **Għażla tal-istrument**

Qed tiġi proposta deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 940/2014/UE.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

- **L-evalwazzjonijiet *ex post*/il-kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

L-ambitu tal-iskema tad-dazju tal-baħar huwa mfassal għall-bżonnijiet tal-operaturi ekonomiċi kkonċernati. L-iskema teżisti biex tappoġġja l-prodotti lokali billi tagħlaq id-distakk fil-kompetittività bejn il-prodotti lokali u l-prodotti li joriġinaw xi mkien ieħor li jirriżulta mill-eżistenza ta' żvantaġġi permanenti li jżidu l-kostijiet ta' produzzjoni u għalhekk il-prezz tal-kost ta' prodotti manifatturati lokalment. L-iskema tad-dazju tal-baħar tikkumpensa għal madwar nofs il-kostijiet addizzjonali. Id-differenzjali tat-taxxa applikati fuq il-perjodu 2014-2020 instab li kienu proporzjonati għall-kostijiet addizzjonali[10].

---

[10] Instabu biss ftit każijiet iżolati (li jirrappreżentaw 0,6% tal-prodotti eliġibbli) ta' kumpens żejjed (anqas minn tlitt punti perċentwali bħala medja) minħabba l-kalkolu aġġornat ta' kostijiet addizzjonali (fl-2020).

Is-sejbiet tal-analiżi tad-*data* kwantitattiva fl-istudju estern jindikaw li fl-assenza tal-iskema tad-dazju tal-baħar, il-prestazzjoni tal-produzzjoni lokali tkun iddeterjorat b'mod sinifikanti. Dawn is-sejbiet juru li madwar 37 % tal-valur tal-prodotti li jibbenefikaw minn differenzjal tat-taxxa (madwar EUR 850 miljun) ġew iġġenerati mill-iskema tad-differenzjal tat-taxxa, b'impatt pożittiv fuq l-impjieg (li wera tkabbir fis-settur li jibbenefika mill-iskema mill-2014, meta mqabbel ma' tnaqqis fis-setturi li ma jibbenefikawx mill-iskema) kif ukoll fuq l-għadd ta' impriżi attivi, li żdied b'madwar 1,7 % fuq l-istess perjodu (meta mqabbel ma' tnaqqis ġenerali ta' 3 %). B'kuntrast ma' dan, m'hemm ebda evidenza ta' impatt fuq l-investiment u d-diversifikazzjoni fi produzzjoni lokali. Il-proporzjon tal-kostijiet u l-benefiċċji tal-iskema tad-dazju tal-baħar huwa ġeneralment pożittiv, bi produzzjoni lokali addizzjonali ġġenerata mid-differenzjali tat-taxxa 2,5 darbiet ogħla mill- "kost" tal-miżura.

L-applikazzjoni tal-iskema tad-dazju tal-baħar ma rriżultatx f'sostituzzjoni tal-importazzjoni. Fil-prattika, il-maġġoranza tal-prodotti lokali li jibbenefikaw minn differenzjali fiskali rreġistraw telf fis-sehem mis-suq matul iż-żmien, li jikkonferma li l-iskema tad-dazju tal-baħar hija aktar miżura biex jitnaqqas id-distakk fil-kompetittività għall-produzzjoni lokali milli strument għall-iżvilupp.

Fir-rigward tal-impatt tad-differenzjali tat-taxxa fuq il-prezzijiet għall-konsumatur u l-għoli tal-ħajja fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi, l-istudju estern sab li dan kien baxx, peress li t-taxxa addizzjonali imposta fuq prodotti li jibbenefikaw mid-differenzjali tat-taxxa mhijiex akbar minn 1,5 % tal-konsum finali fir-reġjuni ultraperiferiċi.

Fl-aħħar nett, l-analiżi tad-*data* tal-kummerċ reġjonali turi li d-differenzjali tat-taxxa tad-dazju tal-baħar ftit li xejn għandhom impatt fuq il-valur tal-importazzjonijiet mill-CARIFORUM u mill-pajjiżi tal-Afrika tal-Lvant u tan-Nofsinhar. Barra minn hekk, it-tneħħija totali tal-iskema tad-dazju tal-baħar ikollha impatt limitat ħafna fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti minn dawn il-pajjiżi (madwar EUR 2 miljun) iżda jkollha impatt negattiv sinifikanti ħafna fuq il-produzzjoni lokali (madwar EUR 300 miljun). Dan ikun ta' benefiċċju prinċipalment għall-esportaturi tal-UE u mhux tal-UE barra l-CARIFORUM u l-Afrika tal-Lvant u tan-Nofsinhar.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

B'rabta ma' din l-inizjattiva, twettqet konsultazzjoni komprensiva tal-atturi politiċi u ekonomiċi prinċipali, permezz ta' intervisti (80) u żjarat fi tliet reġjuni (Réunion, Guadeloupe u Martinique), u stħarriġ tal-impriżi (196) ibbażat fil-ħames reġjuni ultraperiferiċi kkonċernati. L-istħarriġ (onlajn) immirat tal-operaturi ekonomiċi ġie ċċirkolat primarjament permezz tal-assoċazzjonijiet professjonali fit-territorji differenti u t-tieni permezz ta' stediniet diretti mibgħuta lil 15 420 impriża meħuda minn listi pprovduti mill-kmamar tal-kummerċ.

Matul il-konsultazzjoni, inġibdet l-attenzjoni għall-ħtieġa li tiġi żgurata kopertura xierqa u bilanċ tajjeb bejn il-partijiet ikkonċernati. L-għan kien li jiġu involuti l-awtoritajiet pubbliċi kollha kkonċernati, f'livelli differenti (ċentrali u lokali) u f'oqsma ta' politika differenti (l-awtoritajiet tat-tfassil tal-politika, l-awtoritajiet tat-taxxa u tad-dwana, l-istituti tal-istatistika, eċċ.). Barra minn hekk, ġew ikkonsultati wkoll ir-rappreżentanti tas-setturi produttivi lokali — jiġifieri l-benefiċjarji tad-differenzjali tat-taxxa fuq il-baċir — u s-setturi tal-kummerċ u tas-servizzi kkonċernati direttament jew indirettament mill-arranġamenti differenzjali tat-taxxa.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-valutazzjoni tal-impatt tieħu l-forma ta' eżerċizzju konsekuttiv: evalwazzjoni *ex-post* tal-iskema attwali segwita minn analiżi li tħares 'il quddiem. L-analiżi tal-impatti potenzjali tat-

tkomplija u possibbilment tat-tibdil tal-arranġamenti eżistenti hija stabbilita f'dokument analitiku, bl-evalwazzjoni tal-iskema annessa. Dan tfassal fuq il-bażi ta' studju estern u l-informazzjoni pprovduta minn Franza.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni Ewropea.

## 5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet għall-implimentazzjoni u arranġamenti ta' monitoraġġ, ta' evalwazzjoni u ta' rapportar**

It-tul ta' żmien ta' din l-iskema huwa ta' sitt snin, sal-31 ta' Diċembru 2027. Madankollu, ir-riżultati tal-applikazzjoni ta' dawn l-arranġamenti għandhom l-ewwel jiġu vvalutati.

Għalhekk, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2025, Franza se tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni tal-iskema ta' tassazzjoni għall-perjodu mill-2019 sal-2024[11]. Dan ir-rapport se jinkludi dan li ġej:

– *data* dwar il-kostijiet addizzjonali tal-produzzjoni;

– kwalunkwe distorsjoni tal-kompetizzjoni u riperkussjonijiet għas-suq intern;

– l-informazzjoni meħtieġa biex l-iskema tiġi vvalutata skont il-kriterji tal-effikaċja, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-konsistenza ma' politiki oħra tal-UE u l-valur miżjud tal-UE.

Ir-rapport għandu jiġbor ukoll kontribuzzjonijiet mill-partijiet interessati kollha fil-livell u l-evoluzzjoni tal-kostijiet addizzjonali tal-produzzjoni tagħhom, il-kostijiet ta' konformità u kwalunkwe każ ta' distorsjoni tas-suq.

Sabiex jiġi żgurat li t-tagħrif miġbur mill-awtoritajiet Franċiżi jkun fih id-*data* meħtieġa biex il-Kummissjoni tieħu deċiżjoni infurmata dwar il-validità u l-vijabbiltà tal-iskema fil-ġejjieni, il-Kummissjoni se tfassal linji gwida speċifiċi dwar it-tagħrif meħtieġ. Din l-informazzjoni tinsab fl-Anness II għall-proposta. Sa fejn hu possibbli, dawn il-linji gwida jaqblu ma' skemi simili oħra fis-seħħ fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE.

Dawn se jippermettu lill-Kummissjoni tiddetermina jekk ir-raġunijiet għall-mekkaniżmu differenzjali tad-dazju tal-baħar għadhomx japplikaw, jekk il-vantaġġi fiskali mogħtija lil Franza jibqgħux proporzjonati u jekk l-alternattivi għall-iskema, li jqisu d-dimensjoni internazzjonali tagħha, humiex possibbli.

Meta l-awtoritajiet Franċiżi jippreżentaw ir-rapport ta' evalwazzjoni, il-Kummissjoni se tivvaluta l-effetti tad-differenzjali tat-taxxa u tiddetermina jekk humiex meħtieġa xi bidliet.

- **Spjegazzjoni ddettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Din il-parti mhijiex applikabbli dment li d-dispożizzjonijiet tal-proposta jixhdu dan.

[11] Ir-rapport għandu jinkludi *data* għall-2019 sabiex tiġi stabbilita linja bażi u l-Kummissjoni tkun tista' teżamina l-impatt tal-iskema għall-perjodu wara l-2021. Ir-rapport għandu jkun fih, sa fejn ikun possibbli, l-aktar *data* reċenti sa u inkluż l-2024.

2021/0051 (CNS)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## dwar l-iskema tad-dazju tal-baħar fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi u li temenda d-Deċiżjoni Nru 940/2014/UE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 349 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[1],

Waqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) Id-dispożizzjonijiet tat-Trattat li japplikaw għar-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi fil-prinċipju ma jawtorizzaw l-ebda differenza bejn it-tassazzjoni ta' prodotti lokali u t-tassazzjoni ta' prodotti minn Franza metropolitana jew minn Stati Membri oħra. Madankollu, l-Artikolu 349 tat-TFUE jipprevedi l-possibbiltà li jiddaħħlu miżuri speċifiċi favur ir-reġjuni ultraperiferiċi minħabba li jeżistu żvantaġġi permanenti li jaffettwaw il-qagħda ekonomika u soċjali tagħhom.

(2) Għalhekk għandhom jiġu adottati miżuri speċifiċi, b'mod partikolari biex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tat-Trattat għar-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi. Dawn il-miżuri jridu iqisu l-karatteristiċi speċjali u r-restrizzjonijiet ta' dawn ir-reġjuni, mingħajr ma jnaqqsu l-integrità u l-koerenza tal-ordni ġuridika tal-Unjoni, inklużi s-suq intern u l-politiki komuni. L-iżvantaġġi kompetittivi li jiffaċċjaw ir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi huma msemmija fl-Artikolu 349 tat-Trattat: distanza, insularità, superfiċji żgħira, art u temp diffiċli, dipendenza ekonomika rigward numru żgħir ta' prodotti. Dawn l-iżvantaġġi permanenti joħolqu, għar-reġjuni ultraperiferiċi materja prima u dipendenza fuq l-enerġija, l-obbligu ta' ħażniet akbar, id-daqs żgħir tas-suq lokali flimkien ma livell baxx ta' attivita ta' esportazzjoni, eċċ. L-ikkombinar ta' dawn l-iżvantaġġi kompetittivi jfisser żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni u, b'hekk, fil-prezz tal-kost tal-prodotti mmanifatturati lokalment li, fin-nuqqas ta' miżuri speċifiċi, ikunu inqas kompetittivi meta mqabbla ma' dawk manifatturati xi mkien ieħor, anki jekk jitqiesu il-kostijiet tat-trasport biex jaslu fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi. Dan se jagħmilha aktar diffiċli biex tinżamm il-produzzjoni lokali. Huwa għalhekk neċessarju li jittieħdu miżuri speċifiċi li jtejbu l-kompetittività bil-għan li tissaħħaħ l-industrija lokali.

(3) Bl-għan li terġa' tinkiseb il-kompetittività tal-merkanzija manifatturata lokalment, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 940/2014/UE[2] tawtorizza lil Franza biex tapplika, sat-30 ta'

[1] ĠU C , , p. .

Ġunju 2021, eżenzjonijiet jew tnaqqis għad-dazju tal-baħar fir-rigward ta' ċerti prodotti manifatturati fir-reġjuni ultraperiferiċi ta' Martinique, Guadeloupe, il-Gujana Franċiża, Réunion u Mayotte li għalihom teżisti produzzjoni lokali, peress li importazzjoni sinifikanti ta' oġġetti tista' tipperikola l-kontinwazzjoni tal-produzzjoni lokali u il-kostijiet addizzjonali jżidu l-prezz tal-kost tal-produzzjoni lokali meta mqabbla ma' prodotti manifatturati xi mkien ieħor. L-Anness għad-Deċiżjoni msemmija hawn fuq jipprovdi l-lista tal-prodotti li għalihom jistgħu japplikaw l-eżenzjonijiet jew it-tnaqqis tat-taxxa. Skont xi jkunu l-prodotti, id-differenza fit-tassazzjoni ta' prodotti manifatturati lokalment u ta' prodotti oħra ma tistax taqbeż l-10, l-20 jew it-30 punt perċentwali.

(4) Franza talbet biex mill-1 ta' Lulju 2021 tkompli tapplika sistema simili għal dik tad-Deċiżjoni Nru 940/2014/KE. Ir-raġunijiet għal dan huma li l-iżvantaġġi kompetittivi msemmija hawn fuq għadhom jeżistu, filwaqt li l-iskema tat-taxxa prevista fid-Deċiżjoni 940/2014/UE għamlitha possibbli li tinżamm u, f'ċerti każijiet, tiġi żviluppata l-produzzjoni lokali, ma fixklitx il-kummerċ estern u ma rriżultatx f'kumpens żejjed għall-kostijiet addizzjonali mġarrba mill-impriżi.

(5) F'dan ir-rigward, Franza bagħtet lill-Kummissjoni, għal kull wieħed mill-ħames reġjuni ultraperiferiċi kkonċernati, sett ta' listi ta' prodotti li għalihom biħsiebha tapplika differenzjal ta' taxxa ta' mhux aktar minn 20 jew 30 punti perċentwali, skont jekk jiġux manifatturati lokalment jew le. Ir-reġjun ultraperiferiku Franċiż ta' Saint Martin mhuwiex affettwat.

(6) Din id-Deċiżjoni timplimenta d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 349 tat-Trattat u tawtorizza lil Franza biex tapplika sistema ta' tassazzjoni differenzjata għall-prodotti li għalihom hija ġġustifikata: l-ewwel nett, minħabba l-eżistenza ta' produzzjoni lokali, it-tieni nett minħabba l-eżistenza ta' dħul sinifikanti ta' oġġetti (inkluż ta' oriġini minn Franza metropolitana u Stati Membri oħra) li jistgħu jippreġudikaw iż-żamma tal-produzzjoni lokali; u fl-aħħar nett l-eżistenza ta' kostijiet addizzjonali li jgħollu l-prezz tal-kost tal-produzzjoni lokali meta mqabbel mal-prodotti li joriġinaw minn barra u li jikkompromettu l-kompetittività tal-prodotti manifatturati lokalment. Id-differenzjal tat-taxxa awtorizzat jenħtieġ li ma jeċċedix il-kostijiet addizzjonali ġġustifikati.

(7) F'każijiet fejn il-produzzjoni lokali għandha sehem mis-suq ta' inqas minn 5 % jew fejn is-sehem tal-importazzjonijiet huwa inqas minn 10 %, intalbet evidenza addizzjonali bħala prova taċ-ċirkostanzi kollha li ġejjin jew ta' xi wħud minnhom: l-eżistenza ta' produzzjoni li tirrikjedi ħafna ħaddiema, produzzjoni ġdida jew komplementari mfassla biex tiddiversifika l-firxa ta' prodotti ta' kumpanija, produzzjoni li hija strateġika għall-iżvilupp lokali (eż. f'setturi relatati mal-ekonomija ċirkolari, l-użu tal-bijodiversità jew il-protezzjoni ambjentali), il-produzzjoni innovattiva jew ta' valur miżjud għoli, il-produzzjoni li għaliha l-interruzzjoni tal-provvista minn bnadi oħra tista' tipperikola l-ekonomija lokali jew il-popolazzjoni, il-produzzjoni li tista' teżisti biss jekk tkun dominanti fis-suq bħala riżultat tad-daqs żgħir tas-swieq fir-reġjuni ultraperiferiċi u l-produzzjoni ta' prodotti mediċi u tagħmir protettiv meħtieġ biex jiġu indirizzati l-kriżijiet tas-saħħa pubbliċi meħtieġa. L-applikazzjoni ta' dawk il-prinċipji se tippermetti l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 349 tat-Trattat mingħajr ma tmur lil hinn dak li hu meħtieġ u mingħajr ma jinħoloq vantaġġ mhux ġustifikat għall-produzzjoni lokali, sabiex b'hekk ma jitnaqqsux l-integrità u l-koerenza tal-ordni ġuridiku tal-Unjoni, u

---

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 940/2014/UE tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar id-dazju tal-baħar fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi (ĠU L 367, 23.12.2014, p. 1).

dan jinkludi s-salvagwardja tal-kompetizzjoni mhux imfixkla fis-suq intern u tal-politiki dwar l-għajnuna mill-Istat.

(8) Bl-għan li jiġu ssimplifikati u mnaqqsa l-obbligi fuq l-intrapriżi ż-żgħar u jiġi appoġġat it-tkabbir tagħhom, l-eżenzjonijiet jew it-tnaqqis tat-taxxa ser japplikaw għall-operaturi b'fatturat annwali ta' EUR 550 000 jew aktar. L-operaturi li għandhom fatturat totali annwali taħt dak il-limitu mhumiex soġġetti għad-dazju tal-baħar iżda ma jistgħux inaqqsu l-ammont ta' dik it-taxxa mġarrba upstream.

(9) Bl-istess mod, il-koerenza mal-liġi tal-Unjoni tfisser li titwarrab l-applikazzjoni ta' taxxa differenzjata fuq il-prodotti tal-ikel li jibbenefikaw minn għajnuna skont il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3]. Din il-miżura tevita l-effett li li tintemm jew titnaqqas l-għajnuna finanzjarja għall-agrikoltura mogħtija skont l-arranġamenti speċifiċi ta' provvista minħabba t-tassazzjoni ogħla tal-prodotti ssussidjati u soġġetti għad-dazju tal-baħar.

(10) L-objettivi tal-appoġġ għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku tar-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi kif previst diġà fid-Deċiżjoni Nru 940/2014/UE, huma kkonfermati mir-rekwiżiti dwar l-għan tat-taxxa. Huwa obbligu legali li d-dħul minn din it-taxxa jiġi inkorporat fir-riżorsi tar-reġim ekonomiku u tat-taxxa tar-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi u li jiġi allokat għal strateġija tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali li tinvolvi l-promozzjoni tal-attivitajiet lokali.

(11) Jenħtieġ li tiġi emendata d-Deċiżjoni 940/2014/UE sabiex jiġi estiż il-perjodu ta' applikazzjoni tad-deroga awtorizzata minnha b'sitt xhur sal-31 ta' Diċembru 2021. Jenħtieġ li dak il-perjodu jippermetti lil Franza tittrasponi din id-Deċiżjoni fil-liġi nazzjonali tagħha.

(12) Jenħtieġ li t-tul ta' żmien ta' din l-iskema jiġi stabbilit għal sitt snin, sal-31 ta' Diċembru 2027. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddetermina jekk ir-raġunijiet għad-deroga għadhomx japplikaw, Franza għandha tippreżenta rapport ta' evalwazzjoni lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2025. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-istruttura u l-kontenut meħtieġa ta' dak ir-rapport.

(13) Sabiex tiġi evitata kwalunkwe inċertezza legali, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Jannar 2022, filwaqt li jenħtieġ li l-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tad-deroga awtorizzata bid-Deċiżjoni 940/2014/UE tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2021.

(14) Din id-Deċiżjoni hija bla preġudizzju għall-applikazzjoni futura tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. B'deroga mill-Artikoli 28, 30 u 110 tat-Trattat, Franza hija awtorizzata biex, sal-31 ta' Diċembru 2027, tapplika eżenzjonijiet jew tnaqqis tad-dazju tal-baħar fuq il-prodotti elenkati fl-Anness I li huma manifatturati lokalment fil-Gwadelup, fil-Gujana Franċiża, f'Martinique, fil-Majott u f'Réunion, bħal reġjuni ultraperiferiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 349 tat-Trattat. Dawk l-eżenzjonijiet jew tnaqqis għandhom ikunu parallel mal-istrateġija tal-iżvilupp soċjali u ekonomiku tar-reġjuni ultraperiferiċi konċernati, billi jqisu l-qafas tal-Unjoni tagħha, u

[3] Ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 (ĠU L 78, 20.3.2013, p. 23).

jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-attivitajiet lokali filwaqt li ma jaffettwawx b'mod negattiv il-kundizzjonijiet kummerċjali b’mod li jmorru kontra l-interess komuni.

2. B’referenza għar-rata tat-tassazzjoni applikata għal prodotti simili li ma joriġinawx fir-reġjuni ultraperiferiċi konċernati, l-applikazzjoni tal-eżenzjonijiet totali jew tat-tnaqqis imsemmija fil-paragrafu 1 ma tistax tirriżulta f’differenzi ta’ aktar minn:

(a) 20 punti perċentwali għall-prodotti elenkati fil-parti (a) tal-Anness I;

(b) 30 punt perċentwali għall-prodotti elenkati fil-parti (b) tal-Anness I.

Franza għandha timpenja ruħha biex tiżgura li l-eżenzjonijiet jew it-tnaqqis applikati fuq il-prodotti elenkati fl-Anness I ma jaqbżux il-perċentwali strettament meħtieġ għaż-żamma, għall-promozzjoni jew għall-iżvilupp tal-attivitajiet ekonomiċi lokali.

3. Franza għandha tapplika l-eżenzjonijiet jew it-tnaqqis tat-taxxa msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għall-operaturi li l-fatturat annwali tagħhom hu ta’ EUR 550 000 jew aktar. L-operaturi kollha li l-fatturat annwali tagħhom huwa taħt dan il-limitu ma għandhomx ikunu soġġetti għad-dazju tal-baħar.

*Artikolu 2*

Il-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1) intgħażlu fuq il-bażi li jeżistu kostijiet addizzjonali li jżidu l-prezz tal-kost tal-produzzjoni lokali meta mqabbla mal-prodotti manifatturati xi mkien ieħor u jagħmlu l-prodotti prodotti lokalment inqas kompetittivi.

Fejn:

(a) il-produzzjoni lokali jkollha sehem mis-suq ta’ anqas minn 5 %,

(b) jew fejn is-sehem mis-suq tagħha jkun aktar minn 90 %,

intalbet ġustifikazzjoni addizzjonali bħala prova taċ-ċirkostanzi kollha li jmiss jew ta’ xi wħud minnhom:

(1) produzzjoni li tirrikjedi ħafna ħaddiema;

(2) produzzjoni ġdida jew supplimentari mfassla biex tiddiversifika l-għażla ta’ prodotti ta’ kumpanija;

(3) produzzjoni li hija strateġika għall-iżvilupp lokali;

(4) produzzjoni innovattiva jew ta’ valur għoli miżjud;

(5) produzzjoni li għaliha l-interruzzjoni tal-provvista minn xi mkien ieħor tista’ tipperikola l-ekonomija jew il-popolazzjoni lokali;

(6) produzzjoni li tista’ biss teżisti jekk tkun dominanti fuq is-suq b’riżultat tad-daqs żgħir tas-swieq fir-reġjuni ultraperiferiċi;

(7) produzzjoni ta’ prodotti mediċi u tagħmir personali protettiv meħtieġ biex jiġu indirizzati l-kriżijiet tas-saħħa.

*Artikolu 3*

Għall-prodotti li jibbenefikaw mill-arranġamenti speċifiċi ta’ provvista previst fil-Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru 228/2013, l-awtoritajiet Franċiżi għandhom japplikaw l-istess arranġamenti ta’ tassazzjoni li japplikaw għall-prodotti manifatturati lokalment.

*Artikolu 4*

Franza għandha tissottometti rapport ta' evalwazzjoni lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2025 sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddetermina jekk ir-raġunijiet għall-applikazzjoni tal-arranġamenti tat-taxxa msemmija fl-Artikolu 1 għadhomx japplikaw. Ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jkun fih l-informazzjoni stabbilita fl-Anness II.

*Artikolu 5*

Fl-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni Nru 940/2014/UE, id-data "30 ta' Ġunju 2021" għandha tiġi sostitwita bid-data "il-31 ta' Diċembru 2021".

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2022, salv għall-Artikolu 5, li għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2021.

*Artikolu 7*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Franza.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*